## Qorti tal-Magistrati (Malta)
## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Carol Fabri]**

**vs**

**Mario Xuereb**

**Kumpilazzjoni Numru: 1073/13**

**Illum, 17 ta' April, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza migjuba kontra **Mario Xuereb** detentur tal-karta tal-identità **551162M** akkuzat talli fit-13/10/2011, f'dawn il-Gzejjer Maltin bi ksur ta' l-Art 106 u 108 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ta xhieda falza f'materja civili u/jew halef il-falz quddiem mhallef jew quddiem ufficjal iehor li jkollu s-setgha bil-ligi li jaghti l-gurament.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata hdax (11) ta' Gunju 2020 fejn intalab li tinstab htija kontra l-imputat a bazi tas-segwenti artikoli u cioè:-

1. Fl-artikoli 106(1)(2)(3), 108(1)(a)(b) u 109(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 7, 8, 10 u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-Qorti taqta' u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju wara li nqraw lilu l-artikoli tal-ligi;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuza kif dedotta kontrih;

Semghet ix-xhieda kollha prodotti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza titratta fuq allegat spergur mill-imputat fi proceduri quddiem il-Qorti bejn Sylvana Tanti u Noel Tanti liema proceduri kienu ta' separazzjoni personali bejn it-tnejn. L-imputat Mario Xuereb kien wiehed mix-xhieda ta'

Noel Tanti f'kawza civili quddiem l-Imhallef Joseph Zammit Mckeon u li Sylvana Tanti qed tallega li xehed il-falz flimkien ma' zewgha u mara ohra Maria Perrett liema proceduri ta' din tal-ahhar gew decizi definittivament minn din il-Qorti kif presjeduta u giet illiberata mill-akkuza liema sentenza illum il-gurnata hija *res judicata*.

**Ikkunsidrat:**

Illi semghet ix-xhieda ta' **Sylvana Tanti** fejn din spjegat li kien hemm kumpilazzjoni quddiem il-Magistrat Doreen Clarke (569/07) fejn tghid illi Perrett xehdet il-falz. Kien hemm ukoll proceduri quddiem l-Imhallef Joe Zammit Mckeon fejn l-imputat odjern ukoll kien xehed il-falz fit-13 ta' Ottubru 2011 (Dok. ST5). Hija tghid illi hi u r-ragel taghha Noel Tanti kellhom hanut fejn kienu jikruh minn Maria Perrett f'65 St. George's Road, St. Julians fejn certu Mario Xuereb kien jahdem hemmhekk. Hija tghid illi waqt il-proceduri ta' separazzjoni personali, l-imputata qablet li taqleb il-kera ta' dan il-hanut fuq hu r-ragel taghha u cioè Antoine Tanti minghajr il-permess taghha. Hija tghid illi Maria Perrett ma qalitx il-verità quddiem il-Qorti ghaliex qalet illi hija kienet qalbet il-kera ghaliex Noel Tanti ma kienx qed ihallas il-kera meta mill-ktieb tal-kera jidher car illi l-kera kienet tithallas. Hija tghid ukoll illi Maria Perrett

naqset illi tipproduci l-ahhar pagna tal-ktieb tal-kera fil-kumpilazzjoni li kien juri illi hija thallset is-somma ta' hmistax-il elf ewro. Hija tghid illi dan sar ad insaputa taghha allavolja hija kienet firmatarja fuq il-kuntratt ta' kera. B'dan però li qatt ma semmiet lill-imputat Mario Xuereb fix-xhieda taghha.

Semghet lil **Emanuel Scriha** li esebixxa vera kopja tax-xhieda tal-imputat Mario Xuereb li kien ta quddiem l-Imhallef Joseph Zammit McKeon fit-13 ta' Ottubru 2011 li dan gie esebit bhala Dokument ES1.

Rat il-kwerela pprezentata mill-parte civile Sylvana Tanti datata 10 ta' Mejju 2012 (Dok FG1) fejn intalab lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jittiehdu proceduri kriminali kontra Maria Perrett, Noel Tanti u Mario Xuereb fuq gurament falz izda ma giex spjegat fiha x'kien it-tip ta' spergur li allegatament sar mill-imputat odjern.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-Qorti hadet konjizzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 1 ta' Lulju 2021 moghtija mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera fil-kawza bl-ismijiet Pulizija v. Maria Perrett ipprezentata in atti, kawza li kienet giet

instigata mill-parte civile Sylvana Tanti flimkien mal-kawza odjerna u ma' dik kontra Noel Tanti li kien ir-ragel taghha u li gie nieqes qabel ma gew konkluzi l-proceduri kontrih. Illi dawn it-tliet proceduri kienu mexjin flimkien fejn il-partijiet kienu qablu li l-provi ta' wahda kienu jghoddu ghall-ohrajn.

F'din is-sentenza, li kien appell mill-Avukat Generali minn sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta, gie deciz is-segwenti:

> *"Illi fil-kaz in desamina minkejja li dan hu appell tal-Avukat Generali, il-prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova fejn in effetti l-appellanti stqarret il-falz. Il-prosekuzzjoni resqet lil Noel Tanti jixhed u jikkonferma li kien waqa lura fil-hlas tal-kera u ma hallasx dak dovut minnu f'okkazjoni darba darbtejn jew tlieta. Jghid ukoll li kien ghalhekk li iddecida li jittermina l-kirja. Hu Noel Tanti, Antoine Tanti jghid li Noel ma kienx hallas xi kirjiet u kien hallashom hu ghan-nom tieghu. L-impjegat Mario Xuereb jispjega kif in effetti l-appellanti kienet tmur ta' sikwit titlob il-kera u kif Noel Tanti waqa' lura mill-hlas tal-kera minhabba li kien waqa' f'depression meta kienet telqitu martu Sylvana."*

Illi din il-Qorti terga' tikkwota f'dan il-kuntest bhal fis-sentenza taghha kontra Maria Perrett lill-Professur Mamo fin-notamenti tieghu dwar id-dritt penali jelenka erba' elementi li huma essenzjali ghall-ezistenza ta' dana r-reat tal-spergur fil-Qorti u cioè:

> ***"(i) a testimony given in a cause.***
>
> ***(ii) on oath lawfully administered by the competent authority.***
>
> ***(iii) falsity of such testimony in a material particular.***
>
> ***(iv) willfulness of such falsity or criminal intent".***

Dwar l-ewwel element ma hemmx wisq x'jinghad. Dana johrog car mill-qari stess tad-disposizzjoni tal-ligi li titkellem dwar dana r-reat. Jidher illi s-suggett attiv ta' dana r-reat huwa ovvjament ix-xhud. Ghalhekk qabel xejn irid ikun hemm xiehda li tinghata f'kawza pendenti quddiem Qorti tal-Gustizzja u dana fi proceduri gudizzjarji maghmula skont il-ligi. Dana ghalhekk jinkludi kull tip ta' stqarrija li ghandha valur probatorju ghar-rigward tal-fatti esposti. Infatti l-Mamo jkompli jghid:

> ***"It must be a cause that is to say contentious proceedings which call for a decision".***

It-tieni element jitkellem dwar l-element oggettiv tar-reat u cioè x-xiehda falza li trid tkun giet moghtija taht gurament li jigi moghti skont il-ligi minn awtorità kompetenti. Kif jghidu l-awturi, fosthom il-Manzini (Capitolo XIX Delitti Contro l'Amministrazione della Giustizia), dina tista' tkun wahda minn tliet ipotesi u cioè ***"l'affermazione del falso, la negazione del vero o la reticenza.***"

Illi l-ahhar zewg elementi huma l-iktar tnejn importanti li jistghu jwasslu ghal kundanna. Dana peress illi dawn jitkellmu dwar in-natura tax-xiehda li tinghata u l-intenzjoni tax-xhud.

Ghalhekk fit-tielet lok il-falsità trid tkun tirreferi ghal fatt materjali u determinanti ghall-ezitu tal-kawza. Prof Mamo jkompli jghid:

***"In all cases in order that the crime of false testimony may subsist, it is necessary that the falsity be material to the cause. [T]he law aims at ensuring the integrity of judicial trials and it is in violation of such integrity that***

***the injury caused by the crime subsists. If therefore, the falsity falls upon circumstances which are entirely irrelevant to the cause and which, whether true or false, could in no way influence the result, the crime could not arise because no possibility of injury which alone justifies the punishment would exist."***

Ikompli jikkwota dak li jghid il-Maino:

> ***"Perche' sussista la falsa testimonianza [...] e' necessario che le circostanze falsamente asserite o maliziosamente taciute siano pertinenti alla causa e influenti sulla decisione di questa."***

Il-Mamo jkompli:

> ***"If the falsity is material, that is to say could have effected the decision one way or the other, it does not matter that it has not in fact influenced such decision. All the authorities are unanimous that a crime of false testimony is complete so soon as a false deposition is made which is calculated to mislead the Court".***

Tal-istess fehma hu l-Antolisei (Parte Speciale – Reati Contro l'Amministrazione della Giustizia) fejn jghid illi:

> ***"Affinche' possa farsi luogo alla punizione, per noi e' necessario che la falsita' sia guridicamente relevante, il che significa che deve contrastare con lo scopo della norma incriminatrice. Siccome questa mira ad impedire che l'attivita' giudiziaria sia fuorviata, occorre che il fatto che' e stato commesso abbia la possibilita' di determinare tale risultato. Riteniamo, pertanto che la possibilita' di influire sulla decisione giudiziaria sia requisito implicito del delitto in esame, requisito che si desume dalla ratio della norma o se si preferisce dalla oggettivita' giuridica del delitto medesimo. Ne consegue che debbono considerarsi giuridicamente irrilevanti non solo le falsita' che concernano circostanze estranee alla causa (non pertinenti, come si dice nel linguaggio forense) oppure insignificanti, ma anche tutte le altre che per la loro natura o per l'oggetto a cui si riferiscono non hanno alcuna possibilita' di turbare il corso dell'attivita' giudiziaria".***

Fl-ahharnett irid ikun hemm l-intenzjoni kriminuza jew l'hekk imsejha *mens rea* tax-xhud li jigdeb taht gurament. Ikompli l-Mamo:

> ***"The falsity must be deliberate and intentional, for, if incurred into from inadvertence or mistake it cannot constitute this crime. [...] Consequently in order that the crime in question may subsist it is necessary to prove in addition to the actual falsity and the possible injury to the due administration of justice, the criminal intent, a strong presumption of which arises when some advantage accrues to the deponent from his false deposition or if he was corrupted".***

Tal-istess fehma hu l-Antolisei fejn jghid:

> ***"Sull'elemento soggettivo di questo reato non sorgono difficolta'. Esso consiste nella coscienza e volonta' di affermare il falso, di negare il vero, oppure di tacere, in tutto o in parte cio' che si sa. Naturalmente il dolo e' escluso dall'errore di fatto, il quale puo' essere anche determinato da dimenticanza, come di frequente accade in pratica".***

Il-Maino (Commento al Codice Penale – Dei Delitti Contro l'Amministrazione della Giustizia) izid jghid ukoll illi:

> ***"L'elemento intenzionale del delitto di falsa testimonianza e la coscienza di mentire o di nascondere la verita. [...] Qualunque errore o dimenticanza esclude il dolo in questo reato, e l'apprezzamento di modesto dolo depende dalle circostanze".***

L-awturi ghalhekk kollha huma tal-istess fehma u cioè illi sabiex jissussisti dana r-reat bilfors illi x-xhud irid ikollu l-intenzjoni doluza u cioè jrid volontarjament u bil-hsieb jixhed il-falz jew ma jghidx il-verità u mhux xi mera dimentikanza. Jekk hija nieqsa dina l-intenzjoni allura l-ebda xhieda inveritjiera ma tista' twassal ghal xi sejbien ta' htija ghal dana d-delitt.

<u>**Ikkunsidrat:**</u>

Illi dawn il-proceduri jikkoncernaw xhieda li l-imputat Mario Xuereb ta quddiem l-Imhallef Zammit McKeon (Dok ES1) izda fl-ebda parti mix-xhieda taghha l-parte civile Sylvana Tanti ma rreferiet fejn hija qed tallega li l-imputat odjern Mario Xuereb ikkommetta dan l-ispergur. Illi di piu'

minn analizi tax-xhieda tal-imputat odjern quddiem l-Imhallef Zammit McKeon, dan xehed sa fejn kien jaf hu u bl-ebda mod ma zamm man-naha ta' wiehed jew l-ohra.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **Mario Xuereb** hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u kwindi tilliberah minnha stante li ma gietx ippruvata.

__________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**